MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2012

Mandat Numru. 17/2012/1

Anthony sive Antoine Vassallo (ID 0825847M) u martu
Antonia Vassallo (ID 0187446M)
vs
(1) Id-Direttur Generali (Qrati) u r-Registratur tal-Qrati
Superjuri u Civili u Tribunali u
(2) HSBC Bank Malta plc

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tieghu riedu jzommu lill-intimati milli:
"Jipprocedu bil-bejgh in subbasta numru 10/2006 bi ksur tad-dettami tas-subartikolu 5 ta' l-artikolu 319 tal-Kap.12 Ligijiet ta' Malta, u cjoe` minghajr ma tigi applikata l-projbizzjoni ta' accettazzjoni ta' offerti li jkunu inferjuri ghal 60% tal-valur stmat tal-proprjeta' in subbasta u dan ghar-ragunijiet segwenti:

1. Illi ghalkemm it-talba originali ghall-bejgh b'subbasta tar-razzett proprjeta' ta' l-esponenti ilha li saret

mill-2006, l-istess subbasta giet sospiza kemm-il darba, sija ghaliex kien hemm u ghad hemm possibilita’ reali li jinbiegh bil-valur reali tieghu u sija ghaliex fil-mori saru diversi pagamenti sostanzjali akkont ta’ kwantu dovut lill-Bank subbastant;

2. Illi dan l-ahhar il-Bank iddecieda li jmexxi bis-subbasta nonostante dan kollu u nonostante li ghad hemm kawza pendenti dwar dan, u l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell cahdet talba ghas-sospensjoni ta’ l-istess bejgh; ghaldaqstant, f’dan l-istadju, ir-Registratur tal-Qrati Superjuri qieghed jipprocedi sabiex isir l-istess bejgh in ezekuzzjoni tad-digriet tat-12 ta’ Settembru 2011 (Dok.AV1), u cjoe` propju ghada, nhar it-Tlieta 10 ta’ Jannar 2012;

3. Illi madanakollu, bi ksur tar-regoli bazici ta’ l-ermenewtika f’materja ta’ applikazzjoni temporali tal-ligi procedurali, ir-Registratur tal-Qrati Superjuri qieghed jinsisti, kif ilu dawn l-ahhar snin jinsisti, illi ma japplikax is-subartikolu 5 ta’ l-artikolu 319 tal-Kap.12 Ligijiet ta’ Malta, u cjoe’ l-projbizzjoni ta’ accettazzjoni ta’ offerti li jkunu inferjuri ghal 60% tal-valur stmat tal-proprjeta’ in subbasta, f’dawk is-subbasti fejn it-talba originali tkun saret qabel id-dhul fis-sehh ta’ l-istess subartikolu, kif emendat permezz ta’ l-art. 25 ta’ l-Att XIV/2006 u ta’ l-art. 23 ta’ l-Att XV/2008;

4. Illi ghalkemm il-principji f’materja ta’ interpretazzjoni u applikazzjoni ta’ ligi fi kwistjonijiet tranzitorji u temporali, f’ambitu ta’ ligi sostantiva, huma radikalment differenti, fil-kamp procedurali, sija civili u sija kriminali, il-principju baziku dejjem kien u baqa’ li emenda legislattiva ghal-ligi procedurali ghandha applikazzjoni immedjata ghal kull proceditment li jkun ghaddej, mill-mument tad-dhul fis-sehh taghha, sakemm l-emenda stess ma jkunx fiha disposizzjoni tranzitorja li tghid mod iehor;

5. Illi ghaldaqstant, ir-rikorrenti kontestwalment ma’ dan ir-rikors intavolaw ittra ufficjali ai termini ta’ l-art. 460(1) Kap.12 (Dok.AV2), fejn interpellaw lill-intimati

sabiex jirrispettaw l-art.319(5) Kap.12 kif ukoll intimaw lill-intimati bl-intenzjoni taghhom li jimpunjaw kull liberazzjoni li tigi dikjarata mir-Registratur intimat bi ksur ta' l-istess art. 319(5);

Inghad li ghaldaqstant il-hrug ta' dan il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrenti, illi l-jeddijiet tar-rikorrenti jirrizultaw *prima facie* mill-premessi esposti u mid-dokumenti esibiti, u li jekk dan il-mandat ma jinharigx il-pregudizzju li jista' jinholoq ghar-rikorrenti jista' ma jkunx hemm rimedju ghalih. L-esponenti jitolbu a tenur ta' l-artikolu 875(2) Kap.12 li l-hrug ta' dan il-mandat jigi milqugh immedjatament fuq bazi provvizorja sakemm din l-Onorabbli Qorti jkollha l-opportunita' li taghti smiegh lill-partijiet, u jitolbu inoltre' li jigi notifikat u ezegwit b'urgenza.

Illi l-esponenti se jigi ppregudikat jekk l-intimat ma jigix inibit kif inghad;"

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti talbu lil din il-Qorti joghgobha tordna l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex izommhom milli jkomplu jaghmlu l-hwejjeg hawn fuq imsemmija.

Rat it-twegiba ta' HSBC Bank Malta p.l.c. li biha espona:
"Illi t-talba ghall-hrug tal-mandat in kwistjoni hija ksur flagranti tal-ligijiet procedurali, hija anti guridika, u tikkostitwixxi abbuz tal-process gudizzjarju u *frode alla legge*.

Qabel ma l-esponenti jispjegaw il-motivi legali ghal din il-pozizzjoni jixtiequ jindikaw lill-Onorabbli Qorti illi r-rikorrenti kienu intavolaw rikors ghas-sospensjoni tas-subasta 10/2006 fis-26 ta' Novembru 2010, illi gie michud minn din il-Qorti b'digriet tas-7 ta' Dicembru 2010. Wara sar tentattiv biex tinzamm din is-subasta permezz tal-mandat t'inibizzjoni 1898/2010, liema mandat kien gie wkoll michud. Iktar ricentement sar rikors quddiem il-Qorti tal-Appell, imsemmi fil-korp tal-istess mandat li kien gie ricentement ukoll michud. Din ghalhekk hija r-raba' darba li qed isir tentattiv biex titwaqqaf is-subasta, u sfortunatament, dan it-tentattiv irnexxa bis-semplici

stratagemma illi sar lejliet id-data tal-appuntament taghha, sabiex igieghel lil Qorti tilqa’ provvizorjament, u b’hekk issa jkun intilef l-appuntament, u sakemm isir appuntament iehor jghaddu x-xhur, u lejliet l-appuntament li jmiss nahsbu f’xi haga ohra.

Apparti illi l-kawzali tal-mandat huma bazati fuq spropozitu lampanti tal-ligi, kif ser jintwera infra, l-esponenti tixtieq qabel xejn turi li dan il-mandat ghandu jigi michud ghaliex huwa erezija procedurali.

Ibda biex, il-proceduri illi bihom jinbeda u jinghalaq bejgh b’subasta, huma proceduri gudizzjarji, li huma mill-bidu sat-tmiem taghhom, taht il-kontroll tal-Qorti kompetenti. Infatti l-mekkanizmu intier tal-procedura tas-subasta jinkludi fih il-metodi ta’ kif tista’ tintalab is-sospensjoni ta’ subasta (Vide art.326, Kap.12) Huwa ovvju (jew almenu wiehed jistenna’ li ghandu jkun ovvju) illi la darba l-ligi tipprovdi esplicitament il-metodu ta’ kif procedura tigi regolata u mmexxija mill-Qorti kompetenti, hija dik il-procedura biss li ghandha tintuza (Illum dan il-punt gie deciz minn din il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Anthony sive Antoine Vassallo et vs. HSBC Bank Malta p.l.c.** (1228/2010 MC) 04.10.2011).

Una volta li l-metodu provvdut mil-ligi ghat-twaqqif ta’ subasta gie ezawrit minghajr ezitu pozittiv ghar-rikorrent, l-istess rikorrent jista’ jadopera proceduri ohrajn (f’dan il-kaz, mandat t’inibizzjoni u kawza ad hoc) biex jiehu l-istess effett? It-twegiba hija certament fin-negattiv. Ir-ragjunijiet huma varji.

- L-ewwel, jekk il-ligi tipprovdi rimedju ad hoc, ghandu jkun ovvju li dak biss huwa r-rimedju.

- It-tieni, jekk il-qorti kompetenti tkun innegat rimedju, l-unika qorti ohra li tista’ tibdel il-pozizzjoni hi l-istess Qorti (identikament presjeduta u li tkun qeghda tagixxi fl-ambitu tal-atti in ispecje - f’dan il-kaz l-atti tas-subasta) *contrario imperio* meta dan ikun ghadu possibli, jew inkella trid tkun qorti superjuri (normalment l-onor.

Qorti tal-Appell) meta d-dritt t'appell ikun koncess mil-ligi, jew fl-ahhar ipotesi, il-Qrati li jagixxu f'kompetenza kostituzzjonali, fil-kaz illi c-cahda ta' rimedju jkollha implikazzjonijiet ta' ksur ta' drittijiet fondamentali. F'dan il-kaz qed jintalab prattikament illi l-mertu tat-talba ghas-sospensjoni tigi mistharrga darbtejn mill-istess Qorti diversament preseduta.

- It-tielet hi li huwa inawdit illi l-istess Qorti, f'dan il-kaz l-Onor. Prim'Awla tal-Qorti Civili illi tinibixxi lilha nnifisha milli tissokta bi proceduri li hi l-istess tkun awtorizzat u ssanzjonat. Kif inghad, din 'mhi xejn ghajr erezija procedurali. Din hi sitwazzjoni li tixbah wahda ipotetika, fejn per ezempju waqt kawza li tkun imhollija ghas-sentenza, il-konvenut jitlob is-sospensjoni tal-prolazzjoni, u din tigi michuda. Huwa koncepibbli illi l-istess konvenut jottjeni l-hrug ta' mandat t'inibizzjoni kontra l-attur u r-registratur tal-qrati, biex il-Qorti kompetenti ma tipprocedix bil-prolazzjoni tas-sentenza? It-twegiba tkun li dan ikun insult ghas-sistema guridiku u ghall-intelligenza. Dan il-mandat qed jintenta insult simili.

Finalment il-mandat odjern huwa ABBUZ tal-proceduri. Ir-rikorrenti kien ghadhom kemm inoltraw ghas-sospensjoni tas-subasta sahansitra quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell u dan gie michud.

Ir-rikorrenti m'ghamlu xejn ghajr li kif inghad tefghu "a spanner in the works" sabiex b'kwalsiasi mod iwaqqfu s-subasta b'kull mod immaginabbli, legali jew le. Sfortunatament il-mandat intlaqa' provvizorjament (u wiehed jista' jifhem il-ghala, minhabba li l-Qorti, maqbuda fl-urgenza tal-mument ovvjament irragjunat illi jekk ma tilqghux provvizorjament, umbaghad is-smigh kien ikun akkademiku). Dak li ghamlu r-rikorrenti ma kien xejn hlief abbuz illi bih huma inqdew b'mezzi legali biex jilhqu skop illegali. Issa s-subasta trid terga' tigi appuntata mill-gdid b'hela ta' hin xoghol u spejjez u b'danni irreparabli konsistenti f'telf ta' uzu ta' flus li ma jingabrux bhala imghax stante li d-djun li bihom il-propjeta' subbastata hi mghobbija huma ferm akbar mill-valur fis-suq tal-fond subbastat.

Il-Qorti ghandha taghti messagg car illi dan it-tip t'abbuz mhux acettabli u prevja li tikkundanna l-agir tar-rikorrenti u tordna l-ftuh ta' proceduri kontra taghhom ghall-disprezz tal-awtorita' taghha, tichad definittivament it-talba ghall-hrug tal-mandat in kwistjoni.

Dwar il-mertu tal-mandat innifsu, dan m'huwa xejn hlief trovatura sabiex ikun hemm xi haga attaparsi gdida ma x'hiex wiehed jiggranfa. L-ilment illi din is-subasta partikolari trid timxi skond ir-regoli tal-Kap.12 in vigore qabel l-Att XIV tal-2006 m'humiex interpretazzjoni tar-registratur kif frivolozament allegat fil-korp tal-mandat, izda huma l-kliem testwali tal-ligi fil-provvediment tranzitorju li jinsab fl-artikolu 107 tal-istess Att XIV tal-2006:

"107. Id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jghaddu ghal proceduri l-godda li jigu pprezentati jew jinbdew wara l-bidu fis-sehh ta' l-imsemmija disposizzjonijiet. Mandati kawtelatorji u ezekuttivi mibdija u li ghadhom pendenti jibqghu validi u tapplika dwarhom il-ligi kif kienet qabel:

Izda kull mandat kawtelatorju li jkun ghadu pendenti meta jidhol fis-sehh dan l-Att ghandu, mid-data ta' dak il-bidu fis-sehh, jigi regolat bid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att."

Ghalhekk ghandu jkun wisq evidenti illi apparti l-irritwalita' tal-mandat, dan ghandu wkoll ifalli fuq il-mertu tal-kawzali li fuqu jinsab ibbazat."

Rat ir-risposta tad-Direttur Generali (Qrati) u d-Direttur Qrati Civili u Tribunali li biha esponew:

"1. Illi l-eccipjenti m'humiex il-legittimi kontraditturi u ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjes kontra r-rikorrent;

2. Illi kwantu ghall-eccipjenti Direttur Qrati Civili u Tribunali, jinghad illi r-rikors promotur huwa monk u null stante li gie dirett kontra entita', ossia r-Registratur Qrati Superjuri Civili u Tribunali, li ma huwiex aktar kontemplat

fil-Ligi, u ghalhekk ukoll l-eccipjenti Direttur, Qrati Civili u Tribunali ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

3. Illi bla pregudizzju ghas-sueccepit, fil-konfront tal-eccipjenti, t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

4. Illi bla pregudizzju ghas-suespost jigi rilevat illi l-attur ma segwiex il-procedura idonea inkwantu t-talba kellha ssir fl-atti tas-subbasta inkwestjoni u mhux bl-intavolar ta’ mandat t’inibizzjoni *de quo*;

5. Illi kif intqal fid-decizjoni **“Josephine Sammut vs Emanuel Sammut pro et”** (Deciza Prim’Awla 3 ta’ Lulju, 2003 per Imhallef Tonio Mallia): “Il-mandati ma ghandhomx jintuzaw bhala magna ta’ estorsjoni, izda bid-debita prudenza, u l-abbuz jista’, u ghandu, jigi sanzjonat bl-imposizzjoni tal-penali.”

6. Illi kif intqal f’**Grech pro et noe vs Manfre1** (Vol.LXXII Pt. II Pg. 295) “Il-Kodici ta’ Procedura Civili jippreskrivi kategorikament illi l-Qorti m’ghandhiex tohorg dan il-mandat jekk…” (Enfazi ta’ l-esponenti). Illi inoltre’ fl-istess sentenza jinghad ukoll li: “It-tieni rekwizit, u cjoe’ ‘li dan ir-rikorrenti *prima facie* jidher li ghandu dawn il-jeddijiet’ huwa rekwizit oggettiv u mhux soggettiv, u ma jiddipendix mill-element diskrezzjoniali tal-gudikant, izda **jew il-jeddijiet jidhru *prima facie*, ma’ l-ewwel daqqa t’ghajn jew ma jidhru xejn ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat**” (Enfazi ta’ l-esponenti).

7. Illi finalment u bla pregudizzju ghas-sueccepit, l-eccipjenti Direttur, Qrati Civili u Tribunali jirrileva illi huwa jirrimetti ruhu ghas-savju gudizzju ta’ dina l-Onorabbli Qorti, b’dan illi jirrileva li huwa m’ghandu fl-ebda eventwalita’ ibghati ebda spejjez.

Daqstant, ghandhom l-unur l-eccipjenti x’jirrilevaw ghal gudizzju savju u superjuri ta’ din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti.”

Rat l-artikoli tal-ligi u senjatament l-art 829 et tal-Kap 12, l-artikoli 829 sa 838A dwar id Disposizzjonijiet Generali, u 873 sa 877 dwar il-Mandat ta' Inibizzjoni;

L-iskop ta' mandat kawtelatorju huwa li kull persuna tista', minghajr ma hu mehtieg li jkun hemm decizjoni, tqieghed fiz-zgur il-jeddijiet taghha bil-mezz ta'wiehed jew izjed mill-atti kawtelatorji. Fir-rikors ghandhom jigu dikjarati bil-gurament l-origini u x-xorta tal-kreditu jew pretensjoni li wiehed ikun irid iqieghed fiz-zgur. Meta jipprezenta dak ir-rikors, ir-rikorrent ghandu jsemmi l-lok li fih l-avviz ta' l-ezekuzzjoni tal-mandat ghandu jsir. L-artikolu 836 jelenka r-ragunijiet r-ragunijiet ghar-revoka ta' mandat kawtelatorju. Permezz tal-artikolu 838 id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 280 dwar il-hin ta' l-ezekuzzjoni jghoddu ghall-mandati kawtelatorji. Il-garanzija ghall-hlas ta' penali hija provduta fl-artikolu 838A, waqt li l-artikolu 838B. Kull mandat kawtelatorju ghandu jibqa' fis-sehh sakemm il-kawza tigi maqtugha b'mod konkluziv, jew ma jigix imhassar mill-Qorti jew irtirat mill-parti li tohrog il-mandat.

Ir-rikors ghandu jigi notifikat lill-parti opposta li ghandha tipprezenta risposta fi zmien ghaxart ijiem liema terminu jista' rigi ridott mill-Qorti f'kazijiet urgenti. Il-qorti tista' ghall-ewwel tohrog provizorjament mandat ghal zmien qasir taht dawk il-pattijiet u kondizzjonijiet li jidhrilha li jkun jehtieg skond il-kaz u sussegwentement tipprovdi definittivament. Fin-nuqqas ta' oppozizzjoni, il-qorti tista' tilqa' t-talba.

Wara l-emenda bl-Att XIV 2006.102 il-Qorti ghandha, wara li tappunta ghas-smigh, tiddeciedi dan ir-rikors fl-iqsar zmien possibbli izda mhux aktar tard minn xahar [artikolu 875(3)] mill-gurnata li gie prezentat u mahluf il-mandat.

Fid-digriet ta' din il-Qorti PA – ta' din il-Qorti kif presjeduta tat-3 ta' Marzu, 2005 fl-ismijiet **Dragonara Casino Limited vs Dragonara Resort Limited** inghad:
"Minn dawn jirrizulta li **l-iskop** ta' mandat ta' inibizzjoni hu dak li:

a) jzomm persuna milli tibda jew tissokta tibni bini jew xoghol iehor ikun li jkun
b) jzomm persuna milli thott jew taghmel tibdil f'bini jew f'xoghol iehor
c) jzomm persuna milli tidhol f'fond jew lok
d) izomm persuna taghmel xi haga tkun li tkun li tista' tkun ta' hsara lill-parti li titlob il-hrug tal-mandat.

Dwar dak li nsibu taht (d) dwar il-kliem **tkun ta' hsara** fil-kawza **Angelo Xuereb et noe vs Marin Hili et noe** inghad li **"**ghandha tinghata interpretazzjoni li dak li qed jipprova jigi inibit, jekk ma jigix inibit, jista' jkun ta' pregudizzju fis-sens, li mhux biss jikkawza hsara pero` li jikkawza hsara li m'hemmx alternattiva ghalih almenu fil-mori tal-kawza jew li l-alternattiva hija sproporzjonata…"

Ara wkoll **Victor Mizzi vs Joseph Gasan et** rikors 4216/92 Imh J D Camilleri, u **Avv. Dr. Victor Borg Grech vs Joseph Gasan et** rikors 3984/92 Imh Albert Manche`.

**<u>Ir-rekwisiti</u>** essenzjali biex il-Qorti tordna l-Mandat ta' Inibizzjoni huma li:

I. Il-qorti m'ghandhiex tohrog mandat bhal dak jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent [DANNI IRRIMEDJABBLI LI JINNECESSITA RIMEDJU ADEGWABBLI]

II. Il-Qorti trid tkun sodisfatta li dak IR-RIKORRENT ***PRIMA FACIE*** JIDHER LI GHANDU DAWK IL-JEDDIJIET.

Minn dan jidher li l-procedura bil-mandat ta' inibizzjoni hija wahda ta' natura eccezzjonali. Fil-kawza fl-ismijet **Giacomo Galea vs Pio Bezzina** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Superjuri fil-5 ta' Awissu 1954 intqal:
"Illi, fil-kliem tal-ligi, "l-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli tibda jew tissokta tibni bini jew xoghol iehor, inkella milli thott jew taghmel tibdil f' bini jew f' xoghol iehor, jew li jzomm persuna milli tidhol f' fond jew lok, jew li taghmel xi haga li tista' tkun ta' hsara lill-parti li titlob il-hrug tal-mandat"; u "l-Qorti ma ghandhiex tohrog dan il-mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dan il-mandat hu mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dan ir-

rikorrent "prima facie" jidher li ghandu dan id-dritt" (art. 876 Kod. Proc. Civ.);

Illi ghalhekk tlieta huma l-elementi li ghandhom jikkonkorru biex ikun jista' jigi spedit il-mandat in kwistjoni; jigifieri, l-ewwel, ir-rikorrenza ta' wiehed mill-fatti fuq enumerati enuncjati fil-ligi, fil-kaz prezenti, li l-intimat, jigifieri l-appellant, qieghed jaghmel xi haga li tista' tkun tkun ta' hsara jew molestja lir-rikorrent, jigifieri lill-appellat; imbaghad, li jkun jidher *"prima facie"* li r-rikorrent ghandu d-dritt li jimpedixxi lill-appelant li jaghmel xi haga li tista' tkun ta' hsara jew jidher "prima facie" li r-rikrorent ghandu d-dritt li jimpedixxi lill-appellant li jaghmel dik il-haga li biha jista' jarrekalu hsara jew molestja; u fl-ahharnett, li l-mandat ikun necessarju biex jigi konservat dak id-dritt tar-rikorrent. Dawn huma t-tliet indaginijiet li l-Qorti ghandha taghmel f'din il-kawza, u ma ghandhiex tmur aktar 'l hemm u tiddeciedi f' din il-kawza, tar-rikorrent; altrimenti tkun qieghdha taghmel f'din il-kawza, u ma ghandhiex tmur aktar 'l hemm u tiddeciedi fuq id-dritt tar-rikorent; altrimenti tkun qieghda tiddeciedi l-meritu tal-kawza li ghaliha jirreferixxi l-mandat; liema meritu mhux quddiem din il-Qorti;"

DANNI IRRIMEDJABBLI LI JINNECESSITA RIMEDJU ADEGWABBLI

L-interpretazzjoni ta' dak imsemmi taht dan l-aspett [l bhala rekwizit] hi li mhux bizzejjed li rikorrent juri li ser isofri xi pregudizzji, izda wkoll li tali pregudizzju jrid ikun irriparabbli; ghax il-Qorti ma tohrogx il-mandat ta' inibizzjoni meta jkun hemm rimedju adegwat ghar-rikorrent. Irid ikun kif jghid it-test bl-ingliz "necessary".

Naturalment, salv dak li jinghad taht is-sub-artikolu 5, il-pregudizzju ma jridx ikun wiehed ta' natura finanzjarja ghax bhala tali dan hu rimedjabbli purche' jkun hemm l-assi ghalih.

IR-RIKORRENT ***PRIMA FACIE*** JIDHER LI GHANDU DAWK IL-JEDDIJIET

Biex tordna l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni huwa necessarju li r-rikorrenti jissodisfa lill-Qorti li ***prima facie***

ghandu dawk il-jeddijiet u dana dejjem f' livell ta' "***prima facie***" minhabba li l-kwistjoni tigi ezaminata dettaljatament fil-kors ta' kawza istitwita ***ah hoc*** fejn tigi deciza b' mod definittiv. Ghalhekk ikun jinkombi fuq il-Qorti li taghti pronunzjament definittiv fi proceduri li necessarjament iridu jsegwu dawk odjerni. Infatti mandati kawtelatorji huma dipendenti u ancillari fuq l-istituzzjoni ta' azzjoni entru terminu perentorju."

Wiehed irid izomm f'mohhu u jaghmel distinzjoni bejn ir-rimedju ordinarju fejn wiehed jidhol u jezamina kull aspett applikabbli waqt li fil-kaz tal-Mandat ta' Inibizzjoni r-rimedju huwa wiehed straordinarju u li jirrigwarda tliet elementi ossija;
li jkun hemm *prima facie* d-dritt tar-rikorrent li jimpedixxi l-appellant li jaghmel xi haga li tista' tkun ta' hsara;
l-element li dak li l-intimat ikun qed jaghmel fil-fatt ikun ta' hsara jew molestja lir-rikorrent;
u finalment li tali mandat ikun necessarju biex jigi konservat id-dritt tar-rikorrent.

Illi ghalhekk tlieta huma l-elementi li ghandhom jikkonkorru biex ikun jista' jigi spedit il-mandat in kwistjoni:
1. Li l-intimat qieghed jaghmel xi haga li tista' tkun tkun ta' hsara jew molestja lir-rikorrent;
2. Li jkun jidher *"prima facie"* li r-rikorrent ghandu d-dritt li jimpedixxi lill-intimat li jaghmel xi haga li tista' tkun ta' hsara;
3. Li l-mandat ikun necessarju biex jigi konservat dak id-dritt tar-rikorrent.

Illi ghalhekk minn ezami ta' l-artikoli 873 sa 877 tal-Kapitolu 12 jirrizulta li hemm erba' tipi ta' Mandat ta' Inibizzjoni, u cioe`:
- dak imsemmi taht l-artikolu 873 li wiehed jista' jsejjahlu generali;
- dak imsemmi taht l-artikolu 874 li wiehed jista' jsejjahlu aljenatorju;
- dak imsemmi taht l-artikolu 876 meta parti fiz-zwieg tkun ghamlet jew ser taghmel kawza ghal separazzjoni personali;

- dak imsemmi taht l-artikolu 877 li hu intiz biex izomm persuna milli tiehu persuna minuri barra minn Malta.

L-artikolu 873 tal-Kap 12 isemmi li l-iskop tal-Mandat ta' Inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tkun li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat. Il-mandat irid:
a) ikun mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u
b) li dak ir-rikorrent ***prima facie*** jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.

Dan il-mandat intiz biex iwaqqaf persuna milli taghmel kull haga li tkun tista' tkun ta' pregudizzju ghar-rikorrenti irid isir fuq il-formola 21, u dan kif ser jinghad aktar 'l isfel.

A tenur ta' l-artikolu 874 mandat ta' inibizzjoni jista' jintalab ukoll minn kreditur biex jizgura dejn, jew kull pretensjoni ohra li tkun tammonta ghal mhux inqas minn hamest elef lira, u dan bl-iskop li izomm lid-debitur milli jbigh, jittrasferixxi jew jiddisponi ***inter vivos*** mill-proprjetà li tigi indikata fir-rikors.

Dan il-Mandat ta' Inibizzjoni aljenatorju huwa intiz biex izomm lill-intimat milli jaljena beni in kawtela tal-kreditu pretiz mir-rikorrent u ghalhekk iwassal ghal talba biex l-allegat debitur jigi inibit milli jaljena beni msemmija fil-mandat. Hawn trid tintuza l-formola 25. Fis-subartikolu 2 ta' l-artikolu 874 jinghad li mandat li jipprojbixxi l-bejgh, it-trasferiment, jew it-tnehhija ohra ta' proprjetà immobbli, ir-rikors ghandu jkun fih il-partikolaritajiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-persuna li jinhareg kontriha u li huma mehtiega mil-ligi dwar ir-registrazzjoni ta' trasferiment ta' proprjeta` immobbli minn dik il-persuna fir-Registru Pubbliku.

Ukoll, il-ligi tipprovdi li fejn il-mandat jirreferi ghall-immobbli specifici, dawn ghandhom jigu deskritti fir-rikors, bil-mod provdut fl-Att dwar ir-Registru Pubbliku, dwar noti ta' l-iskrizzjoni, jigifieri li din ghandha ssehh b'referenza ghad-*data* geografika in kwistjoni. Issa l-artikolu 2042 tal-Kap 16 jipprovdi dwar x'ghandu jkun fiha nota ta'

iskrizzjoni, b'mod partikolari s-subartikoli (a) u (b). Is-subartikolu (a) jipprovdi ghal:
"l-isem u l-kunjom tal-kreditur u n-numru tal-karta ta' l-identità tieghu miktuba bil-figuri biss u fejn ma jistax ikollu karta ta' l-identità, in-numru f'dokument iehor ta' identifikazzjoni, il-lok fejn twieled u fejn joqghod, u l-professjoni, sengha, jew stat iehor tieghu, u l-isem ta' missieru…

(b) l-isem u l-kunjom tad-debitur u n-numru tal-karta ta' l-identità tieghu miktuba bil-figuri biss u fejn ma jistax ikollu karta ta' l-identità, in-numru f'dokument iehor ta' identifikazzjoni, il-lok fejn twieled u fejn joqghod, il-professjoni, sengha jew stat iehor tieghu, l-isem ta' missieru, l-isem t'ommu u l-kunjom ta' xbubitha jew xi partikolaritajiet ohra li jiswew, fil-fehma tad-direttur, ghall-identità tad-debitur…".

L-artikolu 876 jitkellem fuq meta parti fiz-zwieg tkun ghamlet jew ser taghmel kawza ghal separazzjoni personali, u hawnhekk jintuzaw formola 22 f'kaz ta' separazzjoni personali li jinibixxi lill-parti l-ohra fiz-zwieg, u formola 23 f'kaz ta' separazzjoni personali li jinibixxi socjeta` kummercjali.

L-artikolu 877 tal-Kap 12 huwa intiz biex izomm persuna milli tiehu persuna taht l-eta` barra minn Malta, u trid tintuza l-formola 24.

Issa l-kapitolu 12 jaghmel tassattiv il-mod procedurali taht diversi aspetti u fl-artikolu 1007(1) jinghad:
"(1) Fil-qrati superjuri, l-atti kollha ghandhom jigu maghmula skond il-formuli migjuba fl-Iskeda B li hemm ma' dan il-Kodici."

Ukoll l-artikolu 831(1) jghid hekk:
"(1) It-talba ghall-hrug ta' xi wiehed mill-mandati hawn fuq imsemmija ssir b'rikors imhejji mar-rikorrent fuq il-formula stabbilita."

Issa l-artikolu 876A jipprovdi li:

"Id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 829 sa 844 jghoddu ghall-mandat ta' inibizzjoni."

L-iskeda B tal-Kap 12 tistabbilixxi l-formoli li ghandhom jintuzaw ghad-diversi atti, inkluz mandat ta' inibizzjoni u cioe` l-formola 21 li tipprovdi biex izzomm lill-intimati milli (u hawn wiehed ghandu jikteb il-hwejjeg li jrid li jigi mizmum milli jaghmel), li hija a bazi ta' l-artikolu 873. Il-formola li ghandha tintuza mal-Mandat ta' Inibizzjoni ai termini ta' l-artikolu 874 (biex kreditur jizgura l-hlas ta' dejn jew pretensjoni ohra u b'hekk izomm lid-debitur milli jbigh, jittrasferixxi jew jiddisponi) hija dik bin-numru 25 fl-iskeda B tal-Kap 12. Il-formola 21 tipprovdi ordni lill-Marixxall biex izomm lill-intimat milli jaghmel hwejjeg imsemmija fl-imsemmi rikors li huma ta' hsara ghar-rikorrent taht il-pieni li thedded il-ligi ghal min jonqos. Il-formola 25 tipprovdi ordni lill-Marixxall biex izomm lill-intimat milli jbigh, inehhi, jittrasferixxi jew jiddisponi *inter vivos*, sew b'titolu oneruz jew gratujtu kull proprjeta`.

Fil-kaz in ezami jirrizulta li r-rikorrent Vassallo istitwixxa proceduri kontra d-Direttur Generali (Qrati) u r-Registratur tal-Qrati Superjuri Civili u Tribunali. Illi bhala stat ta' fatt Registratur tal-Qrati Superjuri Civili u Tribunali mhux kontemplat fil-ligi u allura r-rikorrenti ma setax jistitwixxi l-proceduri kontra persuna mhux kontemplata, izda d-Direttur Generali huwa ezistenti.

Jinghad ukoll li l-Qorti ghandha tilqa' l-eccezzjoni ta' l-intimat Direttur Generali lil-procedura idoneja kellha tkun b'rikors fl-atti tas-subasta.

Dwar il-metru principali, ir-rikorrent Vassallo qed jilmenta dwar l-applikazzjoni tal-ligi minhabba l-emendi li saru fl-artikolu 319 tal-Kapitolu 12. Izda l-punt kardinali li jelimina kull diskussjoni huwa dak li jirrizulta mill-artikolu 107 ta' l-Att XIV ta' l-2006. Dana jghid hekk:
"Id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jghaddu ghal proceduri l-godda li jigu pprezentati jew jinbdew wara l-bidu fis-sehh ta' l-imsemmija disposizzjonijiet. Mandati kawtelatorji u ezekuttivi mibdija u li ghadhom pendenti jibqghu validi u tapplika dwarhom il-ligi kif kienet qabel:

Izda kull mandat kawtelatorju li jkun ghadu pendenti meta jidhol fis-sehh dan l-Att ghandu, mid-data ta' dak il-bidu fis-sehh, jigi regolat bid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att."

Minn dan jirrizulta car li riferibbilment ghall-mandati kawtelatorji u ezekuttivi mibdija u pendenti, jibqghu validi. Dan iwassal ghall-fatt li t-talba tar-rikorrent ma tistax tigi milqugha.

Tirrevoka *contrario imperio* d-digriet taghha tad-9 ta' Jannar, 2012.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------